MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Kongunt Numru. 22/2015

ABC

u

DB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

Illi l-partijiet izzewwgu fis- 6 ta’ Ottubru tas-sena 2001. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A.

Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, L B li llum ghadha minorenni. Kopja tac-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat Dok. B.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-ewwel ta’ Settembru tas-sena elfejn u sitta (01.09.2006) u dan ai termini ta’ Kuntratt ta’ Sseparazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat (01.09.2006). Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument C.

Illi l-partijiet ghalhekk ilhom separati ghal tmien (8) snin.

Illi ma hemm l-ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi ai termini tal-Artikolu hmistax (15) tal-kuntratt ta’ Separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw b’mod definittiv mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin u ghalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut minn jew a favur ir-rikorrent.

Illi l-manteniment dovut mir-ragel ghall-minuri ai termini tal-Artikolu sittax (16) tal-Kuntratt ta’ Separazzjoni kif ukoll il-hlas tal-Insurance tal-mara, dejjem thallsu puntwalment mir-ragel.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbu lill-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-1 ta' Settembru 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------